SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 08-12**

Illum it-Tnejn, 19 ta' Novembru 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.00 p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri.

**ASSENTI**

Ħadd.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 07-12 li saret nhar it-Tnejn, 8 ta' Ottubru 2012 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

#### 1.1.1 *Ċentru Ċiviku*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 6.1 tal-laqgħa preċedenti u għall-proġett taċ-Ċentru Ċiviku u qal li l-Kunsill ma rnexxielux jikseb il-ko-finanzjament biex ikun jista' japplika għall-finanzi mill-Unjoni Ewropea taħt il-fond tal-ERDF. Huwa qal li issa l-Mepa ħarġet l-i*screening letter* u qed titlob ħlas ta' €22,000 biex tkompli bil-proċedura tal-permess. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa nefaq ħafna flus biex ġew ippreparati l-pjanti u l-istimi ta' dan il-proġett. Huwa kompla jgħid li kien kiteb żewġ ittri lil Prim Ministru li wasslu biex hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' l-Onor. Chris Said dwar il-possibilta' li dan il-proġett isir mill-Gvern Ċentrali u jinqasam f'fażijiet.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it- 8 ta' Ottubru 2012 u d-19 ta' Novembru 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1169/12/O – Trasport Malta – *Reserved parking* fi Triq Maria De Domenicis
- 1251/12/O – Prim Ministru – Ċentru tal-Komunita'
- 1255/12/O – Prim Ministru – Ċentru tal-Komunita'

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1121/12/I – Trasport Malta – *Reserved parking* fi Triq Maria De Domenicis
- 1161/12/I – Skrivan tal-Kunsill - ittra ta' riżenja
- 1189/12/I – Ministeru għar-Risorsi u Affarijiet Rurali – Proġett taċ-Ċentru Ċiviku
- 1193/12/I – Resident – *parking* fi Triq il-Kaħwiela
- 1228/12/I – Ilment dwar l-immaniġjar tat-traffiku madwar Xintill *Roundabout*
- 1285/12/I – Moviment Kerygma – Premju Żgħażugħ tas-Sena 2012
- 1292/12/I – Awtorita' tad-Djar – Ilment dwar attivitajiet fi Pazza Dorell

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- SLLC *Memo* 19/2012 - Servizz ta' Ġbir ta' Skart f'Santa Luċija
- SLLC *Memo* 20/2012 - Qlugħ ta' 9 siġar taż-żebbuġ bil-Gaffa u JCB
- SLLC *Memo* 21/2012 - Post alternattiv għall-Berġa
- SLLC *Memo* 22/2012 - Post vakant ta' skrivana fil-Kunsill ta' Santa Luċija
- SLLC *Memo* 23/2012 - Ċentru tal-Komunita' – Applikazzjoni għal fondi taħt l-ERDF
- SLLC *Memo* 24/2012 - Xogħolijiet ta' manutenzjoni fl-*area* tal-Playing Field
- SLLC *Memo* 25/2012 - *Memo* 40/2012 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta' ta' Librerija Lokali

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1121/12/I saret referenza għat-talba tal-Kunsill biex isir *reserved parking* għad-*disabled* fi Triq Maria De Domenicis. Fit-tweġiba li rċieva l-Kunsill minn Trasport Malta jidher li biex resident jingħata *reserved parking* irid japplika hu għalih, skond il-proċedura. Is-Sindku qal li kien ser jerġa' jkellem lil Trasport Malta dwar dan.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1161/12/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sinjorina Claudia Costantino tagħt ir-riżenja tagħha minn mal-Kunsill ta' Santa Luċija. Huwa qal li fil-fatt is-Sinjorina Costantino ser tieqaf taħdem mal-Kunsill ta' Santa Luċija fit-28 ta' Frar 2012. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lid-Dipartiment u ser tkun qed timxi mal-proċedura stabbilita' biex tiġi ngaġġata skrivana oħra biex timla' l-post vakant.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1189/12/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ministeru għar-Risorsi u Affarijiet Rurali ma laqgħax it-talba tal-Kunsill għal-ko-finanzjament biex il-Kunsill ikun jista' japplika għal fondi mill-Unjoni Ewropea għall-proġett taċ-Ċentru Ċiviku.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1193/12/I is-Sindku qara ittra ta' resident fi Triq il-Kaħwiela li kiteb dwar il-problema tal-*parking* li qed iħabbtu wiċċhom magħha residenti f'din it-triq peress li jipparkjaw it-teachers ta' l-iskola. Huwa ppropona li f'din it-triq isir *parking for residents only*. Is-Sindku qal li din il-problema hija simili għal dik li għandhom ir-residenti ta' madwar il-*football ground* u l-Kunsill irid jara x' jista' jsir biex jindirizzha. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm bżonn li jsiru tabelli mal-*gates* ta' l-iskola peress li qed ikun hemm vetturi mhux awtorizzati li jidħlu fir-*ring road* ta' l-iskola.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1228/12/I il-Kunsill iddiskuta ittra li rċieva l-Kunsill dwar l-andament tat-traffiku madwar Xintill *Roundabout.* Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-problema u qabel li għandha terġa' tintbagħt ittra lill-Awtoritajiet ikkonċernati dwar dan l-inkonvenjent li qed jolqot lir-residenti ta' Santa Luċija b'mod speċjali fis-siegħat ta' filgħodu.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1285/12/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Moviment Kerygma ser jorganizza l-Premju Żgħażugħ tas-Sena 2012. Il-Viċi Sindku qal li kien ser jipproponi li l-Kunsill ta' Santa Luċija jinnomina żgħażugħ minn Santa Luċija għal dan il-premju u kien ser jgħaddi d-dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1292/12/I il-Kunsill innota ittra anonima li ntbagħtet lil Awtorita' tad-Djar dwar xi storbju li qed ikun hemm fi Pjazza Dorell.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Memo 40/2012 – Għajnuna lill-Kunsilli li għandhom ir-responsabilta' ta' Librerija Pubblika*

Saret referenza għal SLLC *Memo* 25/2012 fir-rigward tal-*memo* hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill ikkonferma li jaqbel li jipparteċipa billi joħroġ is-somma ta' €500 ta' kotba għal-librerija pubblika ta' Santa Luċija.

### 4.2 *Call for Social Initiatives Support*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill qed japplika għall-fondi taħt is-sejħa hawn fuq imsemmija biex jitkompla l-proġett tal-Jogging Track. Huwa qal dan il-proġett jirrigwarda l-kisi tal-wiċċ tal-Jogging Track b'materjal sintetiku li jintuża għal faċilitajiet sportivi li jinsabu fl-apert. Is-Sindku nforma li l-ispiża nvoluta tammonta għas-somma totali ta' €78,000.

### 4.3 *Korsijiet tat-tgħalim tal-Computer*

Saret referenza għal ftehim li ntlaħaq ma' TCTC biex saru korsijiet tal-*computer* għat-tfal fis-Sajf li għadda. Is-Sindku qal li biex jikkumplimentaw dawn il-korsijiet, il-Kumpanija TCTC qed toffri li tagħmel korsijiet ta' LEARN IT u ECDL mingħajr ħlas. Huwa qal li ser jintbagħtu l-avviżi f'kull dar u dawn il-korsijiet mistennija jibdew f'Jannar tas-sena 2013.

### 4.4 *Street Furniture and Signage*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar offerta li qed tagħmel il-kumpanija tar-reklamar, Blues Ltd., li qed toffri li tinstalla *street furniture* bħal *dustbins* u *village maps* biex fuqhom ikunu jistgħu jitqiegħdu messaġġi promozzjonali. Is-Sindku qal li jrid isir eżeċizzju biex naraw x' jista' jsir fir-rigward ta' din il-proposta.

### 4.5 *Skema Addotta Nannu*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet il-Kunsill dwar il-*feedback* li kien hemm fir-rigward ta' l-iskema 'Addotta Nannu'. Is-Segretaju Eżekuttiv qalet li kienu żewġ anzjani biss li wrew interess u ma kien hemm l-ebda nteress minn naħa taż-żgħażagħ. Il-Kunsill qabel li tagħrif dwar din l-iskema jidher fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss.

### 4.6 *Talba għal kumpens*

Is-Sindku rrefera għal talba għal kumpens li saret minn individwu li kellu inċident bil-karozza fi Triq Ġuljetta Lopez. Huwa qal li apparentament il-vettura ta' dan l-individwu saritilha ħsara kaġun ta' ħofra li hemm fit-triq. Huwa qal li l-Kunsill għandu f'idejh ir-rapport tal-pulizija u nforma l-*Insurance* dwar dan l-inċident,

iżda rriżulta li l-ispejjeż involuti huma taħt l-*access* għax ma jaqbżux il-€500. Filfatt is-somma totali ta' l-ispejjeż involuta kienet tammonta għal €412.30. Il-Kunsill qabel li jagħmel tajjeb għal din l-ispiża.

**4.7 *Post vakant ta' skrivana tal-Kunsill***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kunsill ħareġ sejħa nterna għal post vakant ta' skrivana tal-Kunsill skont ir-regolamenti dwar ir-riżorsi umani. Huwa qal li din is-sejħa kienet tagħlaq fit-12 ta' Novembru 2012 u għaliha l-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda. Huwa qal li nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru 2012 fis-2.00p.m ser isir l-*interview*. Is-Sindku ppropona li jekk l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Kunsill, il-proċess jieqaf hawn u l-kandidat magħżul ikun jista' jibda jaħdem mal-Kunsill mill-1 ta' Frar 2012. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din il-proposta.

**4.8 *Ġbir ta' skart fil-festi***

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar talba li għamel il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart imħallat biex fil-Milied u l-ewwel tas-sena ma jinġabarx skart. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba. Is-Sindku nforma wkoll li l-Kunsill ġie nfurmat mill-Green Mt li peress li dawn il-festi ġejjin fil-ġurnata tat-Tlieta, il-ġabra tal-borża l-griża issir l-għada l-Erbgħa, 26 ta' Diċembru 2012 u 2 ta' Jannar 2013.

**4.9 *Seminar dwar l-iżvilupp ta' l-industrja tal-films fil-lokalitajiet***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien attenda għal seminar organizzat mill-Malta Film Commission flimkien ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li l-iskop ta' dan is-seminar kien sabiex il-Kunsilli Lokali jkomplu jagħtu s-sehem tagħhom fl-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet li jirrappreżentaw. Is-Sindku qal li huwa semma l-potenzjal li joffri l-Ġnien Ċiniż għal din l-industrija u baqa' sorpriż li l-Kummissjoni lanqas biss kienu jafu bih. Huwa qal li għandha titlesta DVD dwar il-lokalita' ta' Santa Luċija u tintbagħt lil Malta Film Commission.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4260 sa numru BOV4321 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal perjodu bejn l-28 ta' Settembru 2012 sal-15 ta' Novembru 2012.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 07-12.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Ottubru 2012 Ammont Gross €4959.91

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Awissu 12 | 90.14 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Settembru 12 | 67.10 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns / Mkgs* | *Job sheet no.* 11986 | 54.00 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns / Mkgs* | *Job sheet no.* 9512 | 61.99 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns / Mkgs* | *Job sheet no.* 11643 | 524.42 |
| Nexos Street Lighting Ltd. | *Str. Lighting* | 2010388 | 1138.34 |
| Owen Borg | (SS) 57/12/01 | Serv. Ottubru 12 | 1025.20 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. Ottubru 12 | 2061.50 |
| Ronald Bezzina | (RC) 57/10/01 | Serv. Settembru 12 | 2854.75 |
| Ronald Bezzina | (RC) 57/10/01 | Serv. Ottubru 12 | 2859.50 |
| Saviour Mifsud | (PCA) 57/11/06 | Serv. Ottubru 12 | 437.87 |
| Med Desigh Associates | (WM) 57/08/02 | Inv. 30004959 | 400.00 |
| Med Design Associates | (WM) 57/08/02 | Inv. 30005268 | 125.00 |

## 6. Rapport Finanzjarju 01/01/2012 – 30/09/2012

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill resqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju mħejji mill-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Josianne Debono.

Is-Sinjura Debono tagħt rendikont tad-dħul finanzjarju u l-infieq li sar fil-perjodu hawn fuq imsemmi. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-ammonti li l-Kunsill għandu jieħu mill-Water Services Corporation, mill-LES Joint Committee, l-*administration fees* mill-Kumitati Reġjonali kif ukoll mill-Green Mt, għall-ammont totali ta' €14,573.40, ġew riflessi f'dan ir-rapport.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li mill-eżerċizzju li sar biex jiġi *updated* il-*fixed assets register* irriżulta li hemm numru ta' assi li jridu jiġu mneħħij minħabba li huma *absolete*. Is-Sindku qara lista ta' dawn l-assi u l-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex dawn jitneħħew mill-*fixed asset register*. Lista ta' dawn l-assi qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 7. ATTIVITAJIET

Is-Sindku nforma l-Kunsill bid-dettalji ta' l-attivitajiet li qed iħejji l-Kunsill għax-xahar ta' Diċembru 2012 kif ġej:

5 ta' Diċembru 2012 – 9.30a.m. – Ftuħ uffiċċjali tal-Librerija Pubblika

12 ta' Diċembru 2012 – 6.30p.m. – Quddiesa fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Luċija

21 ta' Diċembru 2012 – 7.30p.m. – Attivita' għall-komunita'

Is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja lil Siro Camilleri talli qed jieħu ħsieb il-kordinament ta' dawn l-attivitajiet. Huwa qal li għandha tintbagħt ittra ta' ringrazzjament lil Mr Gu Hongxing Direttur taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż għad-donazzjoni ta' kotba b' tema Ċiniża għal-Librerija Pubblika.

Il-Kunsillier Bonello qal li kien ser jorganizza ħarġa għal Pantomina u oħra għaċ-Ċirku. Huwa qal li kif ikollu d-dati jinforma l-Kunsill ħalli jinħarġu l-avviżi.

## 8. XOGĦOLIJIET

### 8.1 *Triq Ġuljetta Lopez*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ġuljetta Lopez ser jibda dalwaqt. Huwa qal li kien hemm xi pendenzi li bdew iżommu l-permess milli

joħroġ iżda issa jidher li jonqos biss li jitwaħħlu t-tabelli tat-traffiku marbuta max-xogħolijiet.

**8.2** ***Approvazzjoni ta' xogħol ta' manutenzjoni***

Il-Kunsill approva dawn il-kwotazzjonijiet:

- Kisi bil-graffiato fuq il-ħajt ta' barra tal-latrina pubblika wara li saru xi xogħolijiet ta' *plumbing*, għas-somma totali ta' €400.

- Xogħol ta' tindif u qtugħ ta' ħaxix f'Wied Garnaw u Trejqet Garnaw għas-somma ta' €500.

**8.3** ***Oħrajn***

- Il-Kunsillier Joe Bonello qal li hemm bżonn isir xogħol ta' manutenzjoni ta' bankina fi Triq Maria De Domenicis.

- Il-Kunsilliera Caroline Galea ipproponiet li jinżergħu siġar minflok l-i*stumps* tal-palm li nqagħlu f'Dawret it-Torri.

- Resident ippropona li jsiru tlett *parking bays* għad-*disabled* ħdejn il-Kappella.

**9. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2012 f' 12.00p.m. (nofsinhar)

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>it-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2012</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**